**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**-omissis-**

**Kumpilazzjoni 329/2024**

Illum 15 t'April 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba mill-Avukat Generali u l-Pulizija Ezekuttiva u irregistrati quddiem dawn il-Qrati fis-16 ta' April 2024 kontra:

**-omissis-** ta' tlieta u tletin (33) sena, ta' nazzjonalita' Maltija, iben -omissis- u -omissis, imwieled il-Pieta' nhar it-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elf disgha mija u wiehed u disghin (1991) u residenti ġewwa 5, Anary, Wied il-Hesri, Siggiewi, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0093991M,

**Akkuzat** talli bejn ix-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u d-disgha (9) ġurnata tax-xahar ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024), fil-gzira ta' Malta u fil-gzejjer li jaghmlu maghha, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi jew disposizzjonijiet relatati mal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra haġa ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu, liema haġa giet fdata jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, il-kariga, jew is-servizz tieghu, jew minhabba depożitu neċessarju taht it-titolu li jġib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha speċifikat, liema qliegh, jammonta ghall-aktar minn hamest elef Ewro (€5,000), u danghad-detriment ta' United Equipment Company Ltd u/jew ta' diversi persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi ohra;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haġa b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' hil, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' persuna jew persuni naturali jew ġuridiċi, liema hsara taċċedi l-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000) , u dan ghad-detriment ta' United Equipment Company Ltd u/jew ta' diversi persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi ohra;

3. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel qliegħ iehor b'qerq ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-

Kodiċi Kriminali ta' aktar minn ħamest elef Ewro (€5,000) għad-detriment ta' United Equipment Company Ltd u/jew ta' diversi persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi oħra;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostannzi, għamel, addatta, ipprovda jew offre li jipprovdi xi oġġetti meta kien jaf li l-oġġett huwa intiż jew addattat biex jintuża fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ta' xi frodi, jew bl-intenzjoni li jintuża biex titwettaq frodi, jew tassisti fl-għemil ta' frodi għad-detriment ta' United Equipment Company Ltd u/jew ta' diversi persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi oħra;

5. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, saboex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument li ma kienx intiż għal xi awtoritá pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz, għad-detriment ta' United Equipment Company Ltd u/jew ta' diversi persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi oħra;

6. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel, jaħbi jew juri ħaġa b'oħra dwar xireat, joħloq jew juża xi fattura jew xi dokument jew record ta' kontabilitá ieħor li jkun fih informazzjoni falza jew mhux kompleta jew jommetti b'mod mhux leġittimu milli jirreġistar xi ħlas, għad-detriment ta' United Equipment Company Ltd u/jew ta' diversi persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi oħra;

Din il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex:

i. Tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom;

ii. Kemm-il darba tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens xieraq lill-parti jew partijiet leżi.[1]

Rat ic-certifikat tat-twelid tal-imputat.[2]

Rat il-fedina penali netta tal-imputat.[3]

Rat l-ammissjoni tal-imputat registrata fl-ewwel seduta mizmuma fl-01 ta' Lulju 2024 fejn l-imputat wiegeb hati tal-akkuzi kollha addebitati lilu u rega' ikkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu wara li gie debitament imwissi bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni waqt l-istess seduta.[4]

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tal-01 ta' Lulju 2024.

---

[1] Folio 1 u 3 tal-process.

[2] Folio 20 tal-process.

[3] Folio 4 tal-process.

[4] Folio 9 tal-process.

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.[5]

Rat li waqt l-istess seduta d-difiza talbet li jsir pre-sentencing report, il-prosekuzzjoni irrimettiet ruhha ghall-istess u l-Qorti laqghet it-talba.[6]

Rat ir-rapport prezentat mill-Ufficcjal tal-Probation[7] fis-seduta tal-05 ta' Frar 2025.

Rat l-atti kollha.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet fis-seduta tal-5 ta' Frar 2025.[8]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

---

[5] A folio 9 u 10 tal-process.

[6] Folio 10 tal-process.

[7] Dokument Ad a folio 98 ta-process.

[8] Folio 95 tal-process.

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Il-prosekuzzjoni qed t'akkuza lill-imputat li bejn ix-xahar ta' Awwissu 2023 u d-9 ta' Frar 2024 approprja ruhu bi flus u ghamel qliegh ta' aktar minn hamest'elef Ewro (€5,000) ghad-detriment ta' United Equipment Company Limited.

**Provi**

Xehed l-i**Spettur Clive Abela** nhar l-1 ta' Lulju 2024 fejn spjega li hu gie infurmat bir-rapport li kien sar kontra l-imputat mill-iSpettur Warren Galea. Qal li l-imputat gie imsejjah ghall-interrogazzjoni nhar is-16 ta' Marzu 2024. Jghid li sussegwentement hu gie ikkuntatjat mill-avukat tal-imputat fejn infurmahom li l-ammont li kien ittiehed kontra il-ligi gie imhallas kollu u dan kien jammonta ghal madwar tmienja u sittin elf Ewro (€68,000). Jghid li t-total ta' flus kien jammonta ghal tmenin elf Ewro (€80,000) pero' tmintax-il elf (€18,000) minnhom kienu gew restitwita qabel ittiehdu l-proceduri.[9]

Xehed **Dr. Anthony Dimech** nhar l-20 ta' Novembru 2024 li spjega li ilu jara lill-imputat mis-sena 2022 ghax kellu "attention deficit disorder". Jghid li fil-bidu li beda jarah hu ma kienx konxju tal-problema tal-loghob tal-azzard li kellu l-imputat.[10] Jghid li min ikollu problema ta' addiction izommha mistura ghal hafna zmien. Jghid li l-imputat ha l-mizuri mehtiega meta sar konxju mill-problema li kellu.

Kontro-ezaminat jghid li l-problema ta' addiction ilha snin.

---

[9] Folio 54 tal-process.

[10] Folio 76 tal-process.

Ix-xhud jispjega fid-dettal id-differenza bejn ADHD u ADD u jispjega li l-imputat ghandu ADD li taghmlu aktar vulnerabbli ghall-addiction. Il-psikjatra jkompli jispjega il-mod kif il-kundizzjoni affetwat l-hajja u d-decizjonijiet li ha l-imputat. Jghid li l-imputat beda jiehu l-kura tard f' hajtu u allura kien vulnerabbli ghall-addictions. Hu ikkonferma ic-certifikat mahrug minnu.[11]

Xehed **Dr. Charles Cassar** nhar l-20 ta' Novembru 2024 u qal li ilu isegwi lill-imputat minn nofs Jannar 2024. Jghid li sejjer tajjeb fil-kura. Jghid li kien qed ibaghti minn ADHD u kellu problema ta' gambling.[12] Jghid li l-imputat kien trawmatizzat peress li missiiru kellu problema serja ta' xorb u b'hekk hu kellu jasumi r-rwol ta' missier ukoll.

Kontro-ezaminat jghid li l-ADD u ADHD ghandhom l-istess sintomi. Qishom kugini. Jghid li hu ma dahalx fiha fuq il-vizzju tal-loghob tal-azzard. Jghid li dan il-vizzju gie "triggered". Jghid li bhalissa l-imputat huwa stabbli u ghandu xoghol iehor fil-propjeta'. Jghid li l-imputat qed jipprrova jibda mill-gdid.

Xehdet **Loraine Mifsud** nhar l-20 ta' Novembru 2024 u tghid li l-imputat gie ghandhom f'April 2024 u ilha issegwih mill-5 ta' Ottubru 2024. Deher li kien committed ghas-sessjonijiet li kienu qed jinzammu. Tghid li l-problema tieghu kien il-vizzju tal-loghob. Tghid li bhalissa qed jahdem hafna biex jipprocessa it-telf.

---

[11] Folio 81u 82 tal-process.

[12] Folio 83 tal-process.

Xehdet **Dorianne Attard** nhar l-20 ta' Novembru 2024. Tispjega li hija social worker u l-imputat kellu problema tal-loghob. Tghid li l-imputat kellu trawmi fil-passat u ghandu l-kundizzjoni tal-ADHD. Tghid li hu fittex l-ghajnuna li kien hemm bzonn. Hu iffirma karti biex ma jidholx f' casinos u anki nizzel software biex ma jidholx websites tal-loghob.

Kontro-ezaminata tghid li l-addiction kienet ilha bejn sentejn u tlett snin.

Xehdet **Antoinette Debono** nhar il-5 ta' Frar 2025 fejn ipprezentat ir-rapport taghha.[13] Tghid li l-imputat kellu lil missieru bi problem serji ta' xorb u kien jabbuza lill-familja u hafna drabi kien ukoll vjolenti tant li l-imputat, ohtu u martu gieli kellhom joqghodu fil-vettura. Tghid li l-imputat qal li l-vizzju tal-loghob kien kbir u gieli laghab mal-elf u hames mitt Ewro (€1,500) fil-gimgha. Bhal issa huwa jahdem bhala agent fil-propjeta' u qed jigi segwit minhabba l-problema tal-vizzju tal-loghob.

**Ikkunsidrat:**

L-Avukat Generali qed jakkuza lill-imputat taht l-Artikoli 18, 121B, 188(2), 293, 294, 308, 309, 310(1)(a), 310BA(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

[13] A folio 96 tal-process.

Li l-imputat wara li gie debitament imwissi skond il-ligi wara li ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti fl-ewwel seduta u wara li inghata ic-cans jirrifletti fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu rega' ikkonferma tali ammissjoni.

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi waqt il-mori tal-proceduri jidher li l-imputat radd dak kollu li kien ha bi vjolazzjoni tal-ligi u ghalhekk il-*parte civile* ma ghandhom xejn x'jiehdu lura u ma soffrew l-ebda telf.

Il-Qorti ukoll innotat li l-imputat meta rinfaccata b'dawn l-akkuzi irrejalizza li kellu problema akuta ta' loghob u mar ifittex l-ghajnuna. Jidher li hu qed jimxi mal-gwidi li hejjew ghalih l-professjonijsti f'dan il-kamp. Il-Qorti lanqas tista' tinjora li l-imputat kellu tfulija mhux felici kif ukoll lanqas tista' tinjora li l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi piena karcerarja ma hiex idoneja f'dan il-kaz u li l-imputat ghandu jinghata c-cans li jirrijabilita ruhu mill-vizzju tal-loghob u jkompli fit-triq pozittiva li qabad.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jitpogga taht Ordni ta' Probation u dan sabiex ikompli jigi segwit u jinghata l-ghajnuna sabiex jirrijabilita ruhu kompletament minn dan il-vizzju.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat ghandu jaghmel servizz bla hlas fil-komunita sabiex jaghti lura lis-socjeta u jikkumpensa ghall-hsara li ghamel.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 121B, 188(2), 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) u 310BA(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-OMISSIS- HATI** tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u ai termini tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation u Servizz ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Barra minn dan bis-sahha tal-Artikolu 18 tal-istess Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-hati -omissis- li jaghmel servizz fil-komunita' ghal mitt (100) siegha, liema sieghat ghandhom jigu ezegwiti fi zmien sena matul il-perjodu tal-probation ta' tlett (3) snin u dan hekk kif jigi moghti struzzjonijiet minn u taht is-sorveljanza tal-Ufficjal ghas-Servizz fil-Komunita li jigi assenjat lilu mid-Direttur ghas-Servizzi tal-Probation, u f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-istess Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza. Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghhom jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Peress li f'dawn il-proceduri ma inhatru l-ebda esperti, allura ma hemmx lok li l-Qorti tapplika l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat. L-istess jinghad ghat-talba tal-prosekuzzjoni ghar-rigward tal-Artikolu 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tal-ordnijiet fuq imsemmija lid-Direttur tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 15 t'April 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur